**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Dicembru, 2019

Rikors Ġuramentat numru : 155/14 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieg fl-24 ta' Settembru 2005 (ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A)

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba li l-intimat irrenda ruħu ħati ta' nuqqas ta' intimita sesswali sa mill-bidu taż-żwieġ, abbuż ta' xorb, eċċessi, inġurji, minaċċi fil-konfront ta' martu l-attriċi;

4. Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni legali b'din il-proċedura kontra żewġha in forza ta' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li jġib id-data ta' 26 ta' Mejju 2014. Digriet numru 1130/14 (hawn anness u mmarkat Dok B);

5. Illi l-istess kontendenti issa ilhom ħames xhur separati de facto minn ma' xulxin u ma hemm l-ebda possibilita' li jirrikonċiljaw, u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Talbet għar-raġunijiet premessi li l-intimat igħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dana għar-raġunijiet premessi imputabbli unikament lill-istess konvenut u kwindi tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-intimat;

2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

3. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili kif wkoll illi l-intimat jirrinunzja minn kull dritt illi jitlob u/jew jirċievi manteniment mingħand martu l-esponenti;

4. Tillikwida l-effetti kollha ta' l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema żewġ porzjonijiet għandhom jiġu assenjati f'sehem indaqs lil kull parti u dana kollu okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

5. Tordna li ssir id-diviżjoni tal-assi tal-komunjoni kif likwidata mill-Qorti u tagħti kull provvediment ieħor opportun f'dan ir-rigward inkluż forma ta' assenjazzjoni ta' drittijiet minn parti għall-oħra kontra l-ħlas ta' korrispettiv xieraq skond kif hawn fuq likwidat

6. Tinnomina Nutar biex jirċievi l-att opportun u Kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att ta' likwidazzjoni u trasferiment;

7. Tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza ta' separazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta a tenur ta' l-artiklu 62A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li *in forza* tagħha huwa eċċepixxa: (fol. 23)

1. Illi l-esponent jaqbel li l-partijiet kienu ngħaqdu fiż-żwieġ fl-24 ta' Settembru 2005 u li l-istess partijiet ma kellhomx tfal u li l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni legali b'din il-proċedura in forza tad-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) data 26 ta' Mejju 2014 – digriet numru 1130/14;

2. Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet tfarrket irrimedjabilment iżda dan minħabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attriċi, senjatament minħabba eċċessi, inġurji gravi u minaċċi u vjolenza psikoloġika kommessi mill-attriċi fil-konfront tal-istess esponent, u saħansitra relazzjoni extra -maritali tal-attriċi;
3. Illi l-esponent jirrifjuta u jiċħad kwalunkwe allegazzjoni ta' abbuż ta' xorb, eċċessi, inġurji gravi u minaċċi fil-konfront tal-attriċi. Ir-riferenza għan-nuqqas ta' attivita sesswali

seħħ f'perijodu qasir fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u dan meta l-konvenut kien għaddej minn problemi fuq il-post tax-xogħol, liema problemi kienu ta' natura temporanja u ta' qasir żmien u li sussegwentement kienet l-attriċi li bdiet tonqos mill-intimita sesswali bejn l-istess partijiet;

4. Illi għalhekk , in vista ta' dak imsemmi f'punt numru 2 hawn fuq suespost m'għandhom bl-ebda mod jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 et seq fil-konfront tiegħu anzi piuttost għandhom japplikaw esklussivament fil-konfront tal-attriċi kif ukoll illi l-attriċi tirrinunzja minn kull dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand l-esponent stante l-fatt illi hija kapaċi taħdem u tmantni lilha nnifisha;

5. Illi l-esponent, filwaqt li jaqbel li tkun xolta l-komunjoni tal-akkwisti, in vista ta' dak imsemmi f'punt numru 2 hawn fuq suespost, partikolarment minħabba r-relazzjoni extra-maritali tal-attriċi kif ukoll minħabba xi xogħolijiet u spejjeż li wettaq l-esponent fid-dar matrimonjali qabel iż-żwieg de quo, hekk kif muri fid-dokument immarkat Dok. A hawn anness, il-konvenut umilment jitlob lil din l-Qorti sabiex id-diviżjoni tal-assi tal-komunjoni tigi likwidata u l-porzjonijiet taż-żewg partijiet jigu diviżi hekk kif l-istess qorti jidhrilha opportun u xieraq.

6. Illi salv għal dak li hemm qbil dwaru, it-talbiet kollha tal-attriċi għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħha b'eċċezzjoni għad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet iżda dan b'tortijiet unikament imputabbli lill-istess attriċi.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

8. Bl-ispejjez kollha hekk kif mitluba kontra l-attriċi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tat-22 t' Ottubru 2014 li permezz tiegħu ħatret lil Dr. Abigail Critien bħala Perit Legali;

Rat ir-rapport ta' Dr. Abigail Critien preżentat minnha fil-31 t' Ottubru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Semgħet ix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, l-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-provediment.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Jiġi nnutat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimat. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qed titlob is-separazzjoni personali, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u d-diviżjoni tal-assi tal-komunjoni, u li jiġu applikati kontra l-intimat is-sanzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## Fatti:

Jirriżulta li l-partijiet, wara snin ta' għerusija, iżżewġu fl-24 ta' Settembru 2005, kif jirriżulta mill-att taż-żwieġ immarkat Dok A, a fol 4 tal-proċess. Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibli matul is-snin, tant li l-partijiet ilhom għal dawn l-aħħar snin separati *de facto*. Jirriżulta wkoll, li r-rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni legali permezz ta' digriet 1130/14 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 26 ta' Mejju 2014, esebit bhala Dok B.

**Provi:**

Illi A B xehdet permezz ta' affidavit, u qalet li hi u l-intimat għamlu disa' snin għarajjes u tmien snin miżżewġin, huma żżewġu fl-2005 u hu baqa' bl-istess abitudnijiet li kellu, jorqod ħafna, li jkun ta' għalih waħdu u li ma jkunx sesswalment attiv magħha. Fil-fatt, hija qalet li l-maġġor parti tal-ħajja miżżewġa għaddietha tarah rieqed. Hija spjegat li kien proprju konsegwenza ta' hekk li baqgħu ma kellhomx tfal u hi spiċċat tħossha aktar qisha ommu jew oħtu milli martu. Żiedet tgħid li kienu anke marru għal counselling, iżda s-sitwazzjoni ma tantx tjiebet u wara ħafna żmien, żewġha kien anke mar għand tabib li tah xi pilloli, peress li nfurmah li l-problema kienet mentali, iżda hi hasset li kien tard wisq għax kienet tilfet l-imħabba tagħha lejh. Kompliet tixhed li meta kienet qaltlu li r-relazzjoni tagħhom spiċċat, hu beda jixrob l-alcohol, u kien hemm okkażjoni anke meta sakkarha ġo kamra u qalilha li ried jirrejpjaha, iżda xorta baqa' ma ġara xejn intimu bejniethom. Spjegat li meta qaltlu biex jinfirdu, hu fil-pront kien ġibed il-flus kollha li kellhom fil-Joint account tagħhom. Xehdet ukoll li fi Frar 2014 hi telqet mid-dar u bdiet tikri appartament għax ma ħasshiex iżjed komda tgħix miegħu. Illi dwar il-vettura Vitz li kienet tat-tnejn kien żammha hu u hi kellha tiddobba vettura mngħand il-familjari. Qalet li m'hemmx assi tal-komunjoni ħlief id-dar matrimonjali, li għad hemm id-dejn fuqha u li baqa' igħix hu fiha, il-vettura Vitz u l-ħamest elef Ewro fil-Joint account.

Illi D E xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi oħt ir-rikorrenti u li kienet regolarment tmur għand l-attriċi għat-te, u dejjem ratha kwieta u mdejqa. Xehdet li f'Novembru 2013, ir-rikorrenti giet għandha tibki u qaltilha li ħa titlaq mid-dar, u talbitha biex dakinhar torqod għandha. Iddeskreviet lil C bħala ta' karattru kwiet li kien imur tajjeb mal-familja tagħhom. Sussegwentement, D E xehdet li fil-preżenza tagħha C kien qalilha li qatt mhu ser jaċċetta s-separazzjoni, iżda hi kienet issuġerietlu biex jirppruvaw jaslu għal separazzjoni bonarja ladarba ż-żwieġ sfaxxa, iżda hu baqa' jirrifjuta.

Dustin Camilleri in rappreżentanza ta' Untours Insurance Agents, xehed u esebixxa Dok DC1 u qal li l-polza tal-assikarazzjoni tal-vettura OTI 018 hi mħallsa sa Marzu 2016 u li l-vettura tiswa Ewro 5,800.

Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Bank of Valletta xehed u esebixxa Dok JC1, current account magħluq fit-3 ta' Novembru 2005, Dok JC2 'easy save account' li nfetaħ f'Novembru 2001, Dok JC3 Savings account li sal-25 ta' Mejju 2015 il-bilanċ fih kien €1,067.53, Dok JC4 credit card account, Dok JC5 consumer loan (motor loan), Dok JC6 kont kurrenti. Hu xehed li sar żbank minn dan il-kont ta' €4,800 f'Jannar 2014, u l-kont ġie trasferit għall-kont li hu esebit u mmarkat bħala Dok JC3. Esebixxa wkoll Dok JC7 'consumer loan' li ngħalaq fil-31 ta' Mejju 2006, Dok JC8, 'house loan' bl-iżbalanċ ta' €37,769.97, Dok JC9, 'house loan' u xehed li l-iżbilanċ f'dan il-kont sal-25 ta' Mejju 2015 kien ta' €9,375.15 u Dok JC10 'house loan' li l-iżbilanċ f'dan il-kont sal-25 ta' Mejju 2015 kien ta' €4,444.48.

Mario Magro xehed u esebixxa Dok MM1, kuntratt tal-akkwist mill-partijiet mingħand l-Awtorita tad-Djar, datat 26 ta' April 2002 u Dok MM2, fidi taċ-ċens tal-istess proprjeta`. Hu fisser klawsola 20 tal-kuntratt u qal li jekk il-partijiet ibiegħu l-proprjeta` lil terzi wara ħames snin mid-data tal-kuntratt iridu jħallsu l-ammont ta' €39,511.99. F'każ ta' assenjazzjoni bejn il-partijiet, tali somma ma tkunx dovuta.

Xehed Duncan Genwiz in rappreżentanza tal-Ministeru tas-Saħħa xehed u esebixxa Dok DG1, is-salarju kollu li daħħal l-intimat, Dok DG2, is-salarju tal-Gvern Dok DG3, kopja tal-'budget document' li juri l-paga tiegħu (Dok DG3), l-FS3 għas-sena 2013, u Dok DG5 li juri l-appointment tal-intimat bħala supervisor.

Illi xehed Joseph Saliba in rappreżentanza tal-ETC li esebixxa Dok JS1, l-employment history tal-intimat.

Illi C B fl-affidavit tiegħu qal li wara ħames snin li hu u A kienu ilhom joħorġu flimkien, iddeċidew li jixtru dar. Spjega li l-post li xtraw kien ġebel u saqaf, għalhekk kien jirrikjedi ħafna xogħol u

hu flimkien ma' zijuh kienu għamlu ħafna mix-xogħol ġol-post. Spjega wkoll li minħabba d-dejn tad-dar u għax A ma kellhiex xogħol fiss u kienet biddlet xi xogħolijiet matul l-għerusija, hu spiċċa b'xogħol full-time, u żewġ xogħolijiet part time, b'hekk ma tantx kien fadlilhom ħin biex jiltaqgħu. Hu kien spegalha li jridu jagħmlu ftit sagrifiċċji minħabba l-piż tad-dejn. Żied igħid li meta żżewġu fl-24 ta' Settembru 2005, kollox kien miexi sew bejniethom bħala koppja, jidħku, jsajru flimkien, kienu joħorġu mal-ħbieb u ma' oht A u żewġha u anke siefru flimkien u l-intimita` bejniethom f'dak iż-żmien ma naqsitx.  Spjega wkoll li A kienet sa' minn qabel iżżewġu tilgħab il-football u titrejnja u ma kinitx uriet xewqa għat-tfal, u kienet bdiet drawwa li spiss toħroġ weħedha.   Xehed li s-sena 2012 kienet difficli għalih, kellu problemi fuq ix-xogħol u kellu stress kbir.  Żied igħid li fl-20 ta' Ottubru 2013, A kienet organiżżatlu 'surprise party' għal għeluq sninu, sabiex sussegwentemet imbagħad kienet qaltlu li ħadet deċiżjoni li ma tkomplix bil-ħajja miżżewġa u li kellha relazzjoni ma' ħaddiehor li kienet ilha għaddeja. Illi biex jipprova jsalva ż-żwieg tagħhom, spjega li kienu marru counselling, iżda minflok ta' ġid sewa ta' deni għax irriżulta waqt il-counselling li A li kienet infidila lejh diversi drabi. Sussegwentement qal li skopra li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' Roderick Mangion, u fil-fatt Ottila kienet ikkonfermat li riedet titlaq mid-dar biex tibda ħajja ġdida miegħu. Żied igħid li fit-2 ta' Frar 2014, malli wasal id-dar mix-xogħol, induna li A kienet ħadet ħwejjiġha u telqet mid-dar.

F G, oħt l-intimat, xehdet b'affidavit u qalet li ilha taf lil A mindu kellha erbatax-il sena, u meta A qaltilha li xtaqet toħroġ ma' ħuha hi ma sabet xejn ħazin pero dejjem kienet tafha bħala 'moody' hafna.  Spjegat li meta żżewġu, A u ħuha kienu koppja ferħana, iżda in segwitu kienet tinnota li A dejjem kienet tħobb toħroġ fi clubs u tiddeverti u tqatta' ħafna ħin fuq facebook. Xehdet ukoll li f'Novembru 2013, żewġha irċieva messaġġ mingħand A biex imur ħdejn C għax għandhom l-inkwiet. Kienet ċemplet lil A u qaltilha biex jirranġaw l-affarijiet, iżda A kienet qaltilha li hemm raġel ieħor u li tixtieq tibni futur miegħu, u sussegwentement fi Frar 2014 A telqet mid-dar, u ħuha C kien ħadha ħażin ħafna għall-ewwel.

Dr. Annalisa Debono in rappreżentanza Ta' Mapfre MSV Life, xehdet u esebiet Dok AD1, tip ta' comprehensive Flexi Plan, li bdiet fil-25 ta' Novembru 2005, li l-premium kien jitħallas bi standing order izda llum l-polza giet 'surrendered' permezz ta' ċekk indirizzat lir-rikorrenti. Xehdet ulterjorment dwar minn fejn kienet titħallas din il-polza u rriżulta li minn kont tal-BOV f'isem C B u ppreżentat dokument li juri dan. Xehdet li l-polza dejjem tħallset sakemm ġiet likwidata mill-kont ta' C B, iżda peress li l-polza kienet tgħajjat lil A B u ġiet likwidata minnha.

Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-BOV xehdet u esebiet Dok JBA1, JBA 2 sa JBA4, li huma l-loans konġunti bejn il-partijiet. Esebiet ukoll Dok JBA5, statement tal-kont konġunt 40014700055 minn Jannar 2015 sat-13 ta' Frar 2017. Hi xehdet li l-kont ta' C "kien imwaħħal miegħu peress li dan jirriżulta minn Dok JBA5". Spjegat li hemm erba' loans li tlieta minnhom bdew jitħallsu mill-kont li għadu kif issemma tal-istess intimat, l-aħħar loan hu 'motor loan' u t-tlett loans l-oħra huma 'house-loans', u dawn il-loans għadhom qed jitħallsu permezz ta' 'standing order' mill-istess kont f'isem C B. Qalet li tista' tgħid biss x'ġara mill-2009 'l hawn biss għax ir-records preċedenti ġew distrutti.

Victor Xuereb in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea xehed u qal li l-intimat għandu home loan u hemm abbinata polza ta' assikurazzjoni u l-assigurazzjoni hi fl-ammont ta' €79,198.70.

Abraham Portelli in rappreżentanza ta' Greens Supermarket xehdet li l-attriċi bdiet taħdem ma' Greens Supermarket fis-7 ta' Novembru 2005 u l-gross basic salary tagħha hu ta' €1280.79.

Rapport tal-Perit Legali Dr. Abigail Critien

Illi wara li semgħet il-provi u kkonstatat dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Perit Legali waslet għas-segwenti konklużjonijiet.

Dwar is-separazzjoni personali u r-responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ ġie konkjuż:

“Tenut kont ta’ dan kollu, l-esponenti hija tal-fehma li ż-żwieġ bejn il-partijiet tfarrak minħabba l-inkompatibilita` tal-karattri tal-partijiet li kellhom ideat u aspettattivi tant differenti li ma setgħux ikampaw flimkien. Għalhekk, għall-finijiet ta’ responsabbilta`, l-esponenti tħoss li ż-żewġ partijiet jaħtu u huma responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom.”

Dwar l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ġie stabbilit mill-Perit Legali li hemm:

Id-dar matrimonjali, l-maisonette tmienja u erbghin (48) bl-arja tagħha fi Triq iż-Żraġen H’Attard u l-garaxx magħha;

Vettura Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni OTI 018;

Comrehensive Flexi Plan li tidher li saret fiż-żwieġ, li l-ammont u l-valur tagħha ġie msarraf esklussivament mir-rikorrenti u l-ammont li ngħata lilha bħala surrender value kien dak ta’ €4284.44.

B’referenza għad-dejn mal-Bank of Valletta, mill-atti jirriżulta, li baqa’ jitħallas mill-kont bankarju tal-intimat, u dan anke wara li r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali. Għalhekk, l-intimat għandu jingħata lura nofs l-ammont ta’ €23,878.21 (ibbażat fuq pagamenti ta’ LM142, LM38 u LM21 kull xahar kif jidher minn Dok JC8 sa’ JC10) għall-perjodu minn meta r-rikorrenti telqet mid-dar u cjoe` minn  Frar 2014 ‘l hawn, liema ammont hu ta’ €11,939.10.

Il-Perit Legali fil-konklużjonijiet tagħha niżżlet kif għandha tiġi diviża u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet:

Porzjon A assenjabbli lil A B

a. Nofs l-ammont f’kull kont bankarju konġunt f’isem il-partijiet.

b. kull kont bankarju intestat f’isimha (għalkemm dwar dan ma tressqet ebda prova).

c. Is-somma ta' €2400 rappreżentanti nofs l-ammont ta' Ewro4,800 li nġibed mill-kont konġunt tal-partijiet u tpoġġa f'kont bankarju intestat f'isem l-intimat.

d. Nofs id-dejn relattiv mal-banek.

e. Nofs sehem indiviż mir-rikavat tad-dar matrimonjali flimkien mal-garaxx, liema proprjeta` għandhom jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet li jirrifletti l-valur tal-proprjeta` fil-preżent ( u liema prezz żgur li m'għandux ikun anqas minn (Ewro260,000) b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. L-intimat għandu jingħata terminu ta' mhux aktar minn tlett xhur biex jivvaka mill-istess dar.

f. Il-mobbli elenkati mir-rikorrenti fin-nota tagħha tat-22 ta' Settembru 2017.

g. nofs sehem mill-mobbli rimanenti li jinsabu fid-dar gia matrimonjali.

h. Is-somma ta' €2900 rappreżentanti sehemha mill-valur tal-vettura tat-Tip Toyota Vitz, numru ta' reġistrazzjoni OTI 018 li ser tigi assenjata lill-intimat. L-ammont dovut lir-rikorrenti hu nofs il-valur tal-istess vettura skont ix-xiehda tar-rappreżentant tal-Untours Insurance fis-sena 2015 u mhux il-valur preżenti li naturalment huwa anqas stante it-trapass taż-żmien, peress li tul il-proċeduri odjerni kien l-istess intimat li għamel użu esklussiv mill-istess vettura u għalhekk kwalunkwe 'depreiciation value' fl-istess vettura għandu jmur favur ir-rikorrenti.

<u>Porzjon B assenjabbli lil C B</u>

a. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju kongunt f'isem il-partijiet.

b. Kull kont bankarju intestat f'ismu.

c. Nofs sehem indiviż mir-rikavat tad-dar matrimonjali flimkien mal-garaxx, liema proprjeta` għandhom jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet li jirrifletti l-valur tal-proprjeta` fil-preżent u liema prezz zgur li m'ghandux ikun anqas minn €260,000 b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-ohra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. L-intimat għandu jingħata terminu ta' mhux aktar minn tlett xhur biex jivvaka mill-istess dar.

d. Nofs sehem mill-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-mobbli elenkati mir-rikorrenti fin-nota tagħha tat-22 ta' Settembru 2017.

e. Vettura Toyota Vitz numru ta' reġistrazzjoni OTI 018.

f. Is-somma ta' €2142.22 rappreżentanti nofs sehem indiviż tal-ammont ta' €4284.44 li tħallas bħala surrender value lir-rikorrenti mill-MSV Life Mapfre u li hu relattiv għall-Comprehensive Flexi Plan li saret fiż-żwieġ.

g. Is-somma ta' €11,939.10 rappreżentanti sehem ir-rikorrenti mid-dejn abbinat mad-dar matrimonjali għall-perjodu bejn Frar 2014 (meta r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali) sa Mejju 2018 u dan stante li fl-umli opinjoni tal-esponenti ma kienx hemm raġunijiet serji biżżejjed għala r-rikorrenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali mingħajr ma qabel titlob l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti, apparti l-fatt li tali data hija d-data meta l-partijiet isseparaw *de facto* u m'hemm ebda raġuni għala r-rikorrenti għandha tibbenefika minn tali pagamenti li saru b'mod esklussiv da parti tal-intimat.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

Illi fil-każ in eżami, r-rikorrenti fir-rikors promotur qed tallega abbuż ta' xorb, eċċessi, inġurji u minaċċi fil-konfront tagħha. Minbarra hekk, ġie premess ukoll, li l-intimat irrenda ruħu ħati ta' nuqqas ta' intimita sesswali sa mill-bidu taż-żwieġ. Illi wara eżami akkurat tal-provi prodotti, irid jiġi determinat jekk il-ħtija hijiex imputabbli biss lill-intimat jew liż-żewġ partijiet.

F'dan il-kuntest, issir referenza għall-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[1] li jistipula:

"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment."

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs Benedict Agius[2] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[3], ġie ribadit illi sabiex tiġi promessa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi ghas-servizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Gunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala servizzi."

[1] Kapitolu 16 tal-Ligijeit ta' Malta.
[2] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Gunju 1967, u kkwotata fis-sentenza (Cit Nru 1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.
[3] Deċiza mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-sentenza (Cit. Nru1677/1995/RCP) deċiża fit-2 ta' Ottubru 2003.

Fis-sentenza diġà iċċitata Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi l-inġurji jew offiżi gravi gew defintii bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza diġa iċċitata Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, gie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."

**Responsabbilta` Ghat-Tkissir taz-Zwieg**

Ir-rikorrenti fir-rikors promotur, allegat li l-intimat irrenda ruħu ħati ta' abbuż, xorb, eċċessi, inġurji u minaċċi fil-konfront ta' martu. Minn eżami akkurat tal-atti tal-każ, dawn l-allegazzjonijiet ma jirrizultawx. Fil-fatt, fl-affidavit tagħha, l-istess rikorrenti ssemmi li l-problema prinċipali fiż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti kienet li ħajjitha fiż-żwieġ kienet li tara lil żewġha rieqed, mingħajr ma semmiet l-ebda episodji ta' vjolenza jew minaċċi. L-unika episodju li semmiet, kien wara li hi kienet infurmat lill-intimat li ż-żwieġ ta' bejniethom tfarrak u riedet li jinfirdu, meta xi drabi sabet lill-intimat id-dar bit-tazza f'idu jixrob l-alcohol. Dan kien biss in reazzjoni tal-aħbar tal-firda li kienet ser isseħħ u tat-tifrik taż-żwieġ. Għalhekk, jiġi nnutat li dawn l-allegazzjonijiet da parti tar-rikorrenti ma jissussistu bl-ebda mod mill-provi mressqa. Ghaldaqstant, tilqa' limitatament it-tielet eċċezzjoni tal-intimat, għal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet abbuż, eċċessi, inġurji u minaċċi li għamlet ir-rikorrenti.

Min-naħa l-oħra, dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimat irrenda ruħu ħati ta' nuqqas ta' intimita, dan ma ġiex ribattut jew ikkontestat mill-intimat. Illi huwa fix-xiehda tiegħu ikkonferma li kien hemm intimata' bejniethom fil-perjodu ta' meta żżewġu iżda ma elaborax dwar il-perjodi l-oħra. Spjega biss li n-nuqqas ta' intimita` kienet fil-perjodu ħażin meta kien għaddej minn stress. Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti ammettiet hi stess ma' l-intimat li kellha relazzjoni ma' ħaddiehor u li xtaqet tibda futur miegħu, kif jirriżulta mix-xiehda u mill-atti tal-każ. Dan lanqas m'huwa bl-ebda mod ikkontestat.

Illi l-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, minbarra li jsemmi moħqrija, theddid u offiżi gravi, isemmi li s-separazzjoni personali *ai termini* ta' dan l-artikolu tista' tinghata jekk "….il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment billi l-partijiet issa ilhom igħixu separati *de facto* minn mindu r-rikorrenti telqet mid-dar. Dwar il-verżjonijiet tal-partijiet rigward l-intimata` ta' bejniethom, din hija xi ħaġa li ma tistax tigi korroborata bi provi, għax ovvjament din kienet xi ħaġa strettament bejniethom. Madankollu, jidher ċar li l-kontendenti kellhom aspettativi differenti fejn tidħol l-intimita` ta' bejniethom u anke fejn tidħol l-istil ta' ħajja miżżewġa. Konsegwentement, il-ħajja flimkien ma baqgħetx aktar possibbli abbażi ta' inkompatibilita` bejn il-partijiet. Għalhekk, hemm bażi għal- separazzjoni personali. Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ qed tiġi attribwita liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.

Illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili huwa mandatarju li jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[4];
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

Illi kif diġà stabbilit, iż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-inkompatibilita` taż-żewġ kontendenti, stante li l-partijiet kellhom aspettativi differenti, speċifikament b'referenza ghall-intimatia` ta' bejniethom u fl-istil ta' ħajja tagħhom. Konsegwentement, irriżulta li ma setgħux ikampaw aktar flimkien. Fid-dawl ta' dan, is-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati fil-konfront taż-żewġ partijiet.

Iżda fil-każ in eżami, din il-Qorti taqbel ma' dak sottolineat mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, li ladarba ma saret l-ebda kontro-talba mill-intimat, il-Qorti tista' biss tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

<u>Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:</u>

Fl-ewwel lok u bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.

---

[4] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Jirriżulta li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet kien hemm is-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali fl-indirizz 48 bl-arja tagħha, fi Triq Iż-Żraġen H'Attard u l-garaxx.

2.Vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni OTI 018

3.Comprehensive Flexi plan li sar fiż-żwieġ, li l-ammont tagħha hu Ewro4284.44.

Illi wara eżami tal-provi prodotti u tad-dokumenti kollha esebiti, din il-Qorti ser tadotta fl-intier dak ikkonstatat fir-rapport legali tal-Perit Legali minnha nominata, u speċifikatament ukoll dak li jikkonċerna l-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti u kif dawn ser jiġu diviżi bejn il-partijiet. Ser tiġi adottata wkoll fl-intier tagħha, d-diviżjoni kif diġà fuq indikata, f'Porzjon A u Porzjon B.

Illi d-dar matrimonjali tifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, għalhekk, mir-rikavat tal-bejgħ tal-maisonette flimkien mal-garaxx, liema proprjeta m'għandhiex tinbiegħ b'anqas mill-ammont ta' Ewro260,000, kull parti għandha tieħu nofs ir-rikavat.

Rigward il-vettura Toyota Vitz, li jirriżulta li din il-vettura kienet taż-żewġ kontendenti. Jirriżulta li meta r-rikorrenti telqet mid-dar, hi ħalliet il-vettura in kwistjoni lil C B. Għalhekk, l-intimat għandu jagħti lir-rikorrenti s-somma ta' Ewro 2900, rappreżentanti sehemha mill-valur ta' din il-vettura tas-sena 2015, kif indikat fix-xiehda tar-rappreżentanta tal-Untours fis-sena 2015, u kif jidher f' porzjon A(h), aktar 'il fuq indikat fir-rapport tal-Perit Legali.

B'referenza ghall-Flexi Plan, jirriżulta li din saret waqt iż-żwieġ. Jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Dr. Annalisa Debono, u minn

Dok AD1 esebit, li l-ammont relattiv għall-istess Flexi plan tħallas lir-rikorrenti bħala 'surrender value' fl-istess ammont tal-istess polza, u ċjoe fl-ammont ta' Ewro4284.44. Jirriżulta li dan l-ammont kien tħallas lir-rikorrenti.

Joint account tal-partijiet.

Jirriżulta li dan l-ammont kien inġibed mill-intimat, mill-Joint account tal-partijiet, u kif ikkonferma Joseph Caruana, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited, l-intimat kien ittrasferixxa l-ammont ta' Ewro4,800, għal savings accounts li hu intesta f'ismu. Għalhekk, kif tajjeb sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, l-intimat qed jiġi ordnat iħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' Ewro2400 rappreżentanti nofs l-ammont ta' Ewro4,800.

Id-Dar Matrimonjali:

Irid jiġu sottolineati punti saljenti dwar dan l-aspett tad-dar matrimonjali tal-kontendenti, u ċjoe l-'maisonette' tmienja u erbghin (48) bl-arja tagħha fi Triq iż-Żraġen H'Attard bil-garaxx magħha.

Jingħad fl-ewwel lok, li l-intimat tramite l-ħames eċċezzjoni, eċċepixxa li wettaq xogħolijiet fid-dar matrimonjali, b'hekk qed jippretendi li dan jiġi rifless fid-diviżjoni tal-assi. Madankollu, dak eċċepit mill-intimat ma ġiex sostanzjat mill-provi. Fil-fatt, ma ġie anness l-ebda dokument in atti biex jissostanzjaw l-infieq li huwa qed jallega li għamel. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat semma diversi ammonti li hu nefaq. Iżda, jiġi nnutat li dawn l-ammonti m'huma bl-ebda mod korroborati bi provi jew riċevuti. Bl-istess mod, il-pretensjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-kera li kellha tħallas meta telqet mid-dar matrimonjali ma treġġix, peress li r-rikorrenti telqet mid-dar mhux konsegwenza ta' periklu, iżda għax xebgħet mill-ħajja konjugali li kienet qed tgħix.

Madankollu, l-intimat għandu jingħata lura l-ammont ta' (Ewro11,939.10), rappreżentanti nofs l-ammont li ħallas u cjoe l-ammont ta' (Ewro23,878.21) versu s-self ghad-dar matrimonjali, stante li l-home loan baqa' jithallas mill-kont bankarju tieghu, meta r-rikorrenti telqet mid-dar. Dan il-fatt jirrizulta mix-xiehda ta' Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited u mid-dokumenti esebiti.

Illi sabiex il-partijiet jieħdu r-rikavat tagħhom mill-imsemmija dar matrimonjali, id-dar trid titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ u trid tinbiegħ fl-ammont ta' mhux anqas minn Ewro 260,000. Inoltre, l-intimat li għadu igħix f'din id-dar matrimonjali, għandu jingħata tlett xhur ċans mid-data ta' din is-sentenza sabiex jivvaka l-fond in kwistjoni.

Illi jirriżulta mix-xhieda ta' Mario Magro li jekk il-partijiet ibiegħu l-proprjeta` lil terzi wara ħames snin mid-data tal-kuntratt iridu jħallsu l-ammont ta' €39,511.99. F'każ ta' assenjazzjoni bejn il-partijiet, tali somma ma tkunx dovuta. Għalhekk, f'każ li ma ssirx assenjazzjoni iżda l-proprjeta tinbiegħ lil terzi, irid jitħallas l-ammont ta' Ewro39,511.99 mis-somma globali tal-bejgħ, kwindi kull parti jkollha tħallas nofs dan l-ammont lill Awtorita tad-Djar, b'mod li dan l-ammont jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond.

F'dan il-kuntest, kif tajjeb sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ma ġietx ippeżentata kontro-talba mill-intimat, kwindi m'hemmx talba *ad hoc* sabiex il-fond u l-garaxx jiġu assenjati lilu. Għalhekk, din il-Qorti tordna li l-proprjeta titqiegħed għall-bejgħ, sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tichad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.

3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

4. Tilqa' r-raba' talba , tillikwida l-effetti kollha tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, u konsegwentement tordna li tiġi maqsuma f' żewg Porzjonijiet kif elenkat fir-rapport tal-Perit Legali Dr. Abigail Critien, u ż-żewġ porzjonijiet jiġu assenjati lill-partijiet, Porzjon A lil A B u Porzjon B lil C B.

5. Tilqa' l-ħames talba u tordna li ssir id-diviżjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata u maqsuma skont il-porzjonijiet aktar 'il fuq imsemmija fir-raba' talba.

6. Tilqa' s-sitt talba u taħtar lin-Nutar Dr. Sean Critien u lil Dr. Charmaine Cherrett u P.L. Quentin Tanti sabiex jirrapprezentaw il-kontumaci fuq l-att ta' likwidazzjoni u trasferiment.

7. Tilqa' s-seba' talba tar-rikorrenti u tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza ta' separazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta a tenur tal-Artikolu 62A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat peress li jirriżulta mill-atti li l-kawża odjerna kellha tiġi intavolata mir-rikorrenti peress li l-intimat bl-ebda mod ma ried jasal għal ftehim raġonevoli u dan abbażi tal-fatt li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma bażiċi u m'hemm xejn straordinarju li qed titlob li m'għandhiex dritt għalih, apparti l-fatt li jirriżulta wkoll mill-atti li l-intimat għamel minn kollox biex jtawwal il-proċeduri bl-iskop li jkompli jirrisjedi fid-dar ġja matrimonjali għad-detriment tar-rikorrenti.